# Sedes Sapientiae: Poeżija ta' Dun Karm Psaila

Ħal Tarxien bir-raġun kollu jista' jissejjaħ ir-"Raħal ta' Marija", għax barra mit-titular ta' l-Annunzjata, il-festi ewlenin l-oħra huma kollha marbutin ma' xi titlu tal-Madonna: tar-Rużarju, taċ-Ċintura, il-Kunċizzjoni u tad-Duttrina. Dan huwa fatt importanti ħafna għax jikxef kemm missirijietna, li fil-qedemnett taw qima lill-Mara l-Ħoxna – simbolu tal-fertilità – ġewwa t-Tempji Neolitiċi li għandna fir-raħal tagħna, aktar tard intefgħu b'ruħhom u b'ġisimhom fi ħdan il-Verġni Mbierka.

U din mhix xi ħaġa artifiċjali, bħal statwa tal-kartapesta. L-imħabba li l-poplu Tarxiniż għandu lejn Marija tinsab magħġuna ma' ruħu; tiddomina f'moħħu u f'qalbu. Araw kemm niċeċ għandna fir-raħal bi statwi ta' Marija; kemm djar għandhom ħdejn isimhom xbihat tagħha; kemm tfal, xebbiet u nisa jġibu isimha!

Meta wieħed jirrifletti ftit, isib li dan bl-ebda mod ma hu xi fenomenu. Ħal Tarxien hu parti mill-gżejjer Maltin li għandhom bħala patruna ewlenija tagħhom lill-Madonna, u dak li jidher fir-raħal tagħna hu biss qatra minn dak li jinsab f'pajjiżna. Tant hu hekk, li ma ssibx qasam f'art twelidna – partikolarment artistiku – li fih m'hemmx post għal Marija. Kemm pitturi, skulturi, mużiċisti, awturi ddedikaw partijiet minn ħidmithom biex ifaħħru lil din l-Omm tas-Sema!

U hawn forsi ta' min jistaqsi: Għaliex din l-imħabba kollha lejn din il-mara? Kollox hu marbut mal-maternità tagħha. Marija ntgħażlet minn Alla biex tkun l-Omm ta' l-Iben il-waħdieni tiegħu, Ġesù Kristu. Imbagħad l-istess Ġesù tahielna bħala ommna fl-eqqel tat-tbatijiet tiegħu fuq is-salib. Mela Marija hija ommna lkoll; u liema hija dik il-persuna aktar għażiża mill-omm?

L-omm hija sinonima ma' l-aqwa virtù, l-imħabba. Għalhekk l-omm hija l-ewwel għalliema ta' wliedha. Marija rċeviet grazzji kbar mingħand Alla li żejjinha b'doni meraviljużi; fosthom dak ta' l-għerf. Mhux ta' b'xejn li l-Knisja ssejħilha Tron ta' l-Għerf. Fuq kollox, min jaf kemm din il-mara tgħallmet hi stess mingħand binha li wara kollox kien Alla nnifsu. U Marija għax tħobb lill-familja kbira tagħha, l-umanità, hija dejjem lesta li tgħallimna dak li għandna bżonn biex naslu fis-Sema pajjiżna. Għalhekk it-twissija: *Ad Jesum per Mariam.*

## Sedes Sapientiae

*F'dik l-iskola ta' mħabba fejn Inti,*
*O Marija, għallimt lil Ġesù,*
*Meta tfajjel kien joqgħod ġo ħoġrok,*
*Għallem lilna dak Ibnek min hu.*

*Għaliex fommok fawwâra ta' ħlewwa,*
*U tagħlimek fih dawl tas-smewwiet;*
*Int minn dejjem maħbuba minn Alla*
*Xrobt minn qalbu tal-għerf il-mewġiet.*

*Miġburin hawn madwarek, Madonna,*
*Bħalma darba kien jagħmel Ġesù,*
*F'din l-iskola ta' mħabbtek għidilna*
*It-tagħlim ta' dan Ibnek x'inhu.*

*Dun Karm*

Dun Karm u l-Madonna

Fl-istudju li għandu fl-Antoloġija ta' Poeżiji, ta' Dun Karm Psaila (ed. A.C. Aquilina, 1969) il-Prof Ġużè Aquilina jgħid ċar u tond li għalkemm il-poeta tal-Madonna huwa l-Karmelitan Anastasju Cuschieri, b'danakollu Dun Karm ħaqqu kull tifħir għall-versi tiegħu ta' foħrija lil Marija. Hu jsemmi s-sunett *Mater Purissima* u jsejjaħlu "ġawhra tal-letteratura tagħna".

Imma Dun Karm niseġ versi oħra Marjani bħal: *Id-Duluri*, *Bjuda*, *Lill-Madonna ta' Lourdes*, *Angelus*, *Lil Ommi Marija*, *Lilek*, u *Marija*. Il-Poeta Nazzjonali tagħna kiteb ukoll għadd ġmielu ta' innijiet, fosthom dak li nkantaw fil-festa titulari tagħna *Iftaħ Qalbek għall-Hena tas-Sema*, u l-poeżija li qed nikteb dwarha *Sedes Sapientiae.*

Dun Karm ħabbha tabilħaqq lill-Madonna; ħabbha

*(ikompli f'paġna 12)*

(minn paġna 11)

bħala Ommu tas-Sema; bħalma ħabb lill-Omm Naturali tiegħu u lil Malta bħala Omm Patrijottika. Il-poeżija Sedes Sapientiae hi poeżija qasira, iżda mimlija ħsibijiet profondi, kif inhuma ħafna mill-poeżiji ta' Dun Karm. Naraw li l-poeżija hi maqsuma fi tliet kwartini, mibnija fuq il-vers tal-għaxra, bl-ewwel u t-tielet versi wâtja, u t-tieni u r-raba' tronki u rrimati.

Dun Karm jimmaġina lilna l-bnedmin skulari, b'Marija l-għalliema tagħna. Biex donnu jnissel fina fiduċja f'Marija, il-poeta jsemmilna żewġ fatturi importanti li kulħadd ifittex fl-għalliema tiegħu: il-kapaċità u s-sens ta' dedikazzjoni.



M'hemmx dubju li l-Madonna hija mkissra sew fis-sengħa tat-tagħlim għax hi trawmet u ħadet it-taħriġ tagħha għand l-aqwa għalliem. Għalhekk Dun Karm jgħidilha:

"Int minn dejjem maħbuba minn Alla
Xrobt minn qalbu tal-għerf il-mewġiet."

Marija kellha l-aqwa professur li seta' jkollha! L-istess għerf fih innifsu. Għaldaqstant m'għandniex għalfejn niddubitaw mill-kapaċità ta' din l-għalliema. Mhux ta' b'xejn ingħatat it-titlu ta' Tron tal-għerf! Allura boloh aħna jekk ma noqogħdux fuq it-tagħlim li tixtieq twasslilna.

It-tieni punt huwa s-sens ta' dedikazzjoni ta' din l-għalliema. Marija tħobbna. Tatna l-akbar prova ta' din l-imħabba. Għalhekk il-poeta jsejjaħ l-iskola tagħha bħala "skola ta' mħabba" għax it-tagħlim tagħha huwa propju msejjes fuq din il-kwalità. U allura bilfors li Marija hija dedikata fix-xogħol tagħha, għax hi tagħmlu mhux bi skop ta' qligħ, jew finanzi, imma twettqu sforz l-imħabba li għandha għalina l-bnedmin. Dun Karm ifissrilna dan bil-kelmiet:

"Għaliex fommok fawwâra ta' ħlewwa"

Dan hu meħtieġ ħafna fil-karattru ta' kull għalliema. Il-ħlewwa, l-paċenzja, l-mogħdrija, huma ħwejjeġ li jiġbduk lejn min jgħallmek, u allura jħallu riżultati pożittivi fis-sengħa tat-tagħlim. Bħalma hi meħtieġa l-fiduċja li l-istudenti jkollhom fl-għalliema tagħhom dwar il-valur tat-tagħlim li jirċievu mingħandhom.

Il-poeta jagħlaq dawn il-ftit versi bi stedina indiretta lilna l-bnedmin; stedina li mbagħad iwassalha f'forma ta' talba quddiem Marija l-għalliema tagħna:

"Miġburin hawn madwarek, Madonna,
Bħalma darba kien jagħmel Ġesù,
F'din l-iskola ta' mħabbtek għidilna
It-tagħlim ta' dan ibnek x'inhu."

Diversi kienu u huma l-poeti li fil-Madonna jaraw is-soluzzjoni ta' ħafna inkwiet li jeżisti fid-dinja. Għalhekk ingħatat it-titlu *Sultana tal-Paċi*. Marija mhux biss tgħallem, iżda tagħti, kif wieħed jistenna, eżempju ħaj ta' dak li tgħallem; eżatt kif għandha tkun għallima ideali.

It-tagħlim ta' Marija hu msejjes fuq l-imħabba platonika li hi ċ-ċavetta ta' kull problema fil-ħajja. Fuq kollox, hi xempju ta' umiltà li tissarraf f'biża' f'sens pożittiv. Biża' li hu l-bidu ta' kull għerf – *Initium Sapientiae Timor Domini*. Biża' li jġagħlek tfittex, tindaga, tiskopri biex issib il-verità. Dan kollu jinsab għand Alla. Dan kollu tgħallimulna Marija, l-omm – għalliema tagħna.

**Alfred Massa**